31990L0415

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
tas-27 ta' Lulju 1990
li temenda l-Anness II tad-Direttiva 86/280/KEE dwar valuri ta' limitu u oġġettivi ta' kwalità għal skariki ta' ċerti sustanzi perikoluży inklużi fil-Lista I ta' l-Anness tad-Direttiva 76/464/KEE

(90/415/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113s fih imsemmi,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 76/464/KEE ta' l-4 ta' Mejju 1976 dwar tniġġiz ikkawżat minn ċerti sustanzi perikoluży mitfugħa fl-ambjent akwatiku tal-Komunità [1], u partikolarment l-Artikolu 6 u 12 ta' l-istess,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni [2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [3],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [4],

Billi, sabiex ikun protett l-ambjent akwatiku tal-Komunità kontra tniġġiż minn ċerti sustanzi perikoluży, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 76/464/KEE introduċa sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel li tistabbilixxi standards ta' emissjoni għall-iskariki tas-sustanzi fl-Lista I fl-Anness tiegħu; billi l-Artikolu 6 ta' l-imsemmi Direttiva jistipula illi valuri ta' limiti ser ikunu stabbiliti għal tali standards ta' skariki u oġġettivi ta' kwalità għall-ambjent akwatiku affettwat mill-iskarikar tas-sustanzi;

Billi l-Istati Membri huma mitluba li japplikaw il-valuri ta' limiti salv f'każijiet fejn huma jistgħu jużaw oġġettivi ta' kwalità;

Billi Direttiva 86/280/KEE [5], kif emendata bid-Direttiva 88/347/KEE [6], se jkollha tkun emendata u ssupplimentata, a bazi ta' proposti mill-Kummissjoni, skond żviluppi fit-tagħrif xjentifiku li jirrelataw prinċipalment mat-tossiċità, persistenza u akkumulazzjoni tas-sustanzi msemmija f'organiżmi ħajjin u qiegħan, jew f'każ ta' titjib fl-aqwa mezzi tekniċi disponibbli; billi huwa neċessarju, għal dak il-għan, li jiġi pprovdut għal żjidiet għall-imsemmija Direttiva, li tirrelata għall-miżuri fir-rigward ta' sustanzi perikoluży oħra, u għall-emendi għall-kontenut ta' l-Anness II;

Billi l-Artikolu 5 tad-Direttiva 86/280/KEE jistipula illi, fil-każ ta' ċertu sorsi sinifikanti ta' tniġġiż minn dawn is-sustanzi minbarra sorsi illi huma suġġetti għall-valuri ta' limitu Komunitarji jew standards ta' emissjoni nazzjonali, programmi speċifiċi għandhom jitfasslu biex jeliminaw it-tniġġiż;

Billi jixraq illi skariki żgħar illi huma soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva 86/280/KEE jistgħu jkunu eżentati mir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 3 tad-Direttiva 76/464/KEE;

Billi, a bażi tal-kriterji stipulati fid-Direttiva 76/464/KEE, *1–2-dichloroethane, trichloroethylene, perchloroethylene* u *trichlorobenzene* għandhom jiġu soġġetti għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 86/280/KEE,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Direttiva 86/280/KEE qed jiġi emendat kif stabbilit fl-Anness ma' dan.

---

[1] ĠU L 129, tat-18.5.1976, p. 23.
[2] ĠU C 253, tat-29.9.1988, p. 15.
[3] ĠU C 96, tas-17.4.1989, p. 188.
[4] ĠU C 23, tat-30.1.1989, p. 4.
[5] ĠU L 181, ta' l-4.7.1986, p. 16.
[6] ĠU L 158, tal-25.6.1988, p. 35.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien 18-il xahar min-notifika tagħha [1]. Huma għandhom jinformaw lill-Kummissjoni b'dan.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam irregolat minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Lulju 1990.

Għall-Kunsill

Il-President

E. RUBBI

[1] Din id-Direttiva kienet notifikati lill-Istati Membri fil-31 ta' Lulju 1990.

L-ANNESS

EMENDI LILL-ANNESS II TAD-DIRETTIVA 86/280/KEE

1. Is-segwenti qed jinżied wara t-Titolu:

"8. Li jirrigwarda *1,2-dichloroethane* (EDC)
9. Li jirrigwarda *trichloroethylene* (TRI)
10. Li jirrigwarda *perchloroethylene* (PER)
11. Li jirrigwarda *trichlorobenzene* (TCB)".

2. Is-segwenti artikolu qed jiġi miżjud:

VIII. **Dispożizzjonijiet speċifiċi li jirrelataw għal *1,2-dichloroethane* (EDC) (No 59)** (*)

CAS — No 107–06–2

(*) L-Artikolu 5 tad-Direttiva 86/280/KEE japplika partikolarment għall-EDC użat bħala taħlita 'l bogħod mis-sit ta' produzzjoni jew ipproċessar jekk l-iskariki annwali jammontaw għal inqas minn 30 kg/sena. Tali skariki żgħar jistgħu jkunu eżentati mir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 3 tad-Direttiva 76/464/KEE. Minkejja l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 86/280/KEE, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-programmi speċifiċi tagħhom mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1993. Huma għandhom jikkomunikawhom lill-Kummissjoni fl-istess ħin.

Intestatura A (59): Valuri ta' limiti għal standards ta' skariki (1)

Tip ta' impjant industrijali (2) (3)	Tip ta' valur medju	Għandhom ikunu mħarsa minn	Toqol (g/tunnellata) (4)	Konċentrazzjoni (mg/litri) (5)
(a) Produzzjoni biss ta' *1,2-dicholorethane* (mingħajr ipproċessar jew użu fl-istess sit)	Ta' kull xahar	4	2	ta' l-1.1.1993
		2,5	1,25	ta' l-1.1.1995
	Ta' kuljum	8	4	ta' l-1.1.1993
		5	2,5	ta' l-1.1.1995
(b) Produzzjoni ta' *1,2-dichloroethane*, u pproċessar jew użu fl-istess sit, salv għall-użu msemmi f'(e) hawn taħt (6) (7)	Ta' kull xahar	12	6	ta' l-1.1.1993
		5	2,5	ta' l-1.1.1995
	Ta' kuljum	24	12	ta' l-1.1.1993
		10	5	ta' l-1.1.1995
(ċ) Ipproċessar ta' *1,2-dichloroethane* f'sustanzi minbarra *vinyl chloride* (8)	Ta' kull xahar	2,5	1	ta' l-1.1.1993
	Ta' kuljum	5	2	ta' l-1.1.1993
(d) Użu ta' EDC biex jitneħħa xi grass mill-metall ('l bogħod mis-sit industrijali kopert minn (b)) (9)	Ta' kull xahar	–	0,1	ta' l-1.1.1993
	Ta' kuljum	–	0,2	ta' l-1.1.1993
(e) Użu ta' EDC fil-produzzjoni ta' "*ion exchangers*" (10)	Ta' kull xahar	–	–	–
	Ta' kuljum	–	–	–

(1) In vista tal-volatilità ta' l-EDC u sabiex tkun żgurata konformità ma' l-Artikolu 3(6) tad-Direttiva 86/280/KEE, billi l-proċess użat jinvolvi aġitazzjoni fil-miftuħ ta' l-effluwenti li jikkontjenu l-EDC, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu l-konformità mal-valuri ta' limitu l fuq mill-impjanti ikkonċernati; huma għandhom jiżguraw illi jittieħed kont xieraq ta' l-ilmijiet kollha li x'aktarx huma mniġġsa.

(2) Il-kapaċità tal-produzzjoni ta' l-EDC ippurifikat tinkludi l-frazzjoni ta' l-EDC illi mhijiex maqsuma fl-unità ta' produzzjoni tal-*vinyl chloride* (VC) assoċjata ma' l-unità ta' produzzjoni u li hija riċiklata għas-sezzjoni ta' purifikazzjoni ta' l-EDC ta' l-impjant.

Il-kapaċità ta' produzzjoni jew ipproċessar hija l-kapaċità awtorizzata mill-amministrazzjoni jew, fin-nuqqas ta' dan, l-ogħla kwantità annwali illi ġiet prodotta jew ipproċessata matul l-erba' snin qabel l-għoti jew ir-reviżjoni ta' l-awtorizzazzjoni. Il-kapaċità awtorizzata mill-amministrazzjoni ma għandhiex tvarja bil-kbir mill-produzzjoni attwali.

(3) Proċedura simplifikata ta' monitoraġġ tistà tkun introdotta fejn skariki annwali ma jeċċedux it-30 kg kull sena.

(4) Dawn il-valuri ta' limitu jirrigwardaw:

— għas-setturi (a) u (b), għall-kapaċità ta' produzzjoni ta' EDC ippurifikat mogħti f'tunnellati,

— għas-settur (ċ), għall-kapaċità ta' ipproċessar ta' EDC mogħtija f'tunnellati.
Madankollu, fil-każ tas-settur (b), jekk il-kapaċità ta' ipproċessar u utilizzazzjoni hija akbar mill-kapaċità ta' produzzjoni, il-valuri ta' limitu se jkunu applikati fir-rigward tal-kapaċità ta' ipproċessar u utilizzazzjoni. Jekk hemm diversi impjanti fuq l-istess sit, il-valuri ta' limitu ser japplikaw għall-impjanti meħuda flimkien.

(5) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-intestatura A (4) fl-Anness I, dawn il-limiti ta' konċentrazzjoni jirrelataw għas-segwenti volumi ta' referenza:

(a) 2 m^3/tunnellata ta' kapaċità ta' produzzjoni ppurifikata;

(b) 2,5 m^3/tunnellata ta' kapaċità ta' produzzjoni ppurifikata ta' l-EDC;

(ċ) 2,5 m^3/tunnellata ta' kapaċità ta' produzzjoni ta' l-EDC.

(6) Il-valuri ta' limitu jieħdu kont tas-sorsi kollha interni diffużi u/jew ta' l-EDC użat bħala taħlita fis-sit ta' produzzjoni industrijali; din se tiżgura riduzzjoni fi skariki ta' EDC ta' aktar minn 99 %.

Madanakollu, il-kombinazzjoni ta' l-aqwa teknoloġija disponibbli u n-nuqqas ta' kwalunkwe sorsi interni diffużi jippermettu li jintlaħqu ammonti ridotti ta' aktar minn 99,9 %.

A bażi ta' l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tal-miżuri preżenti, il-Kummissjoni ser tippreżenta lill-Kunsill fi żmien tajjeb proposti għall-valuri ta' limitu aktar severi li ser japplikaw mill-1998.

(7) Fejn Stat Membru jieħu l-pożizzjoni illi, minħabba l-integrazzjoni ta' produzzjoni ta' l-EDC ma' l-iffabrikar ta' idrokarboni iklorinati, il-proċess ta' produzzjoni ta' l-EDC x'aktarx illi m'huwiex ser ikun konformi ma dawn il-valuri ta' limitu sa l-ultimatum 1 ta' 1 ta' Jannar 1993, dan għandu javża lill-Kummissjoni b'dan qabel l-1 ta' Jannar 1991. Programm għat-tnaqqis ta' l-iskariki ta' l-EDC illi ser jippermetti li dawn il-valuri ta' limitu jkunu konformi sa l-1 ta' Jannar 1997 se jingħata lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1993. Is-segwenti valuri ta' limitu għandhom, sadanittant, ikunu konformi sa mill-1 ta' Jannar 1993:

— 40 g EDC/tunnellata ta' kapaċità ta' produzzjoni ta' EDC purifikat (ta' kull xahar u ta' kuljum).

Il-valur ta' limitu mogħti bħala konċentrazzjoni huwa dedott a bażi tal-volum ta' ilma skarikat mill-impjant(i) ikkonċernat(i).

(8) Il-produzzjoni tas-sustanzi segwenti hija speċifikament involuta hawn: ethylene diamine, ethylene polyamine, 1.1.1.-trichloroethane, trichloroethylene u perchloroethylene.

(9) Dawn il-valuri ta' limitu japplikaw biss għall-impjanti illi l-iskariki annwali tagħhom jaqbeż it-30 kg/sena.

(10) Preżentement mhuwiex possibli li jkunu adottati valuri ta' limitu għal dan is-settur. Il-Kunsill għandu jadotta valuri ta' limitu bħal dawn fi stadju ulterjuri, billi jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni. Sadanittant, l-Istati Membri se japplikaw valuri ta' limitu nazzjonali skond l-Anness I, Intestatura A, punt 3.

Intestatura B (59): oġġettivi ta' kwalità

Ambjent	Oġġettivi ta' kwalità (µf/litre)	Li ser ikunu mħarsa sa mill-:
Superfiċi ta' l-ilma interni Ilmijiet ta' estwarju Ilmijiet tal-kosta ta' ġewwa minbarra dawk ta' estwarji Ibħra territorjali	10	ta' l-1.1.1993

Il-Kummissjoni se tipparaguna r-riżultati tal-monitoraġġ eżegwit, skond it-tielet indent ta' l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 76/464/KEE, b'konċentrazzjoni indikattiva ta' 2,5 mg/litru.

Il-Kummissjoni sejra, sa l-1998, terġa' teżamina l-oġġettivi ta' kwalità a bażi ta' l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tal-miżuri preżenti.

Intestatura C (59): metodu ta' referenza ta' kejl

1. Il-metodu ta' referenza li se jintuża biex tkun stabbilita l-preżenza ta' *1,2-dichloroethane* fl-effluwenti l-ambjent ta' l-ilma huwa kromatografija tal-gass b'detezzjoni tal-kattura elettronika wara estrazzjoni permezz ta' taħlita xierqa kew kromatografija tal-gass permezz tal-proċess "*purge and trap*" u ittrapolar bl-użu ta' nasba kapillari kirogenikament imkessħa. Il-limitu ta' determinazzjoni huwa 10 mg/litru għall-effluwenti a u 1 mg/litru għall-ambjent ta' l-ilma.

2. Il-korrettezza u l-preċiżjoni tal-metodu għandha tkun ± 50 % f'konċentrazzjoni li tirrappreżenta d-doppju tal-valur tal-limitu ta' determinazzjoni.

3. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu konċentrazzjonijiet ta' l-EDC b'referenza għall-kwantità ta' AOX, EOX jew VOX, sakemm il-Kummissjoni hija qabel xejn sodisfatta illi dawn il-metodi jagħtu riżultati ekwivalenti u sakemm id-Direttiva tat-taħlit ġenerali tkun adottata.

   L-Istati Membri kkonċernati se jistabbilixxu regolarment ir-relazzjoni fil-konċentrazzjoni bejn l-EDC u l-parametri użati.

IX. **Dispożizzjonijiet speċifiċi li jirrelataw għall-*trichloroethylene* (TRI) (No 121)** (*)

CAS 79.01.6

(*) L-Artikolu 5 tad-Direttiva 86/280/KEE japplika partikolarment għat-TRI użat bħala taħlita għad-'*dry-cleaning*', għall-estrazzjoni ta' grass jew irwejjaħ u għat-tneħħija ta' grass ta' metalli fejn l-iskariki annwali jammontaw għal anqas minn 30 kg/sena. Tali skariki żgħar jistgħu jiġu eżentati mir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 3 tad-Direttiva 76/464/KEE. Minkejja l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 86/280/KEE, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-programmi speċifiċi tagħhom mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1993. Huma għandhom jikkomunikawhom lill-Kummissjoni fl-istess ħin.

Intestatura A (121): Valuri ta' limiti għall-istandards ta' emissjoni (1)

Tipi ta' impjanti industrijali (2)	Tipi ta' valur medju	Għandu jkun hemm konformità ma' dawn mill–	Toqol (g/tunnellata) (3)	Konċentrazzjoni (mg/litru) (4)
(a) Produzzjoni ta' *Trichloroethylene* (TRI) u *perchloroethylene* (PER)	Ta' kull xahar	10	2	ta' l-1.1.1993
		2,5	0,5	ta' l-1.1.1995
	Ta' kuljum			
		20	4	ta' l-1.1.1993
		5	1	ta' l-1.1.1995
(b) Użu ta' TRI biex jitneħħa xi grass minn mal-metalli (5)	Ta' kull xahar		0,1	ta' l-1.1.1993
	Ta' kuljum		0,2	ta' l-1.1.1993

(1) In vista tan-natura illi tiżvinta ta' *trichloroethylene* u sabiex tkun żgurata konformità ma' l-Artikolu 3(6) tad-Direttiva 86/280/KEE, billi l-proċess użat jinvolvi aġitazzjoni fil-miftuħ ta' effluwenti li jikkonsistu f *trichloroethylene*, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu konformità mal-valuri ta' limitu 'l fuq mill-impjant ikkonċernat; huma għandhom jiżguraw illi jittieħed kont xieraq ta' l-ilmijiet kollha li x'aktarx huma mniġġsa.

(2) Proċedura ssimplifikata ta' monitoraġġ tistà tkun introdotta fejn skariki annwali ma jeċċedux it-30 kg kull sena.

(3) Għas-settur (a), valuri ta' limitu għall-iskariki ta' TRI jirrelataw għall-kapaċità globali ta' produzzjoni ta' TRI + PER. Għall-impjanti eżistenti illi jużaw deħi-klorinazzjoni ta' *tetrachloroethane*, il-kapaċità ta' produzzjoni hija ekwivalenti għall-kapaċità ta' produzzjoni ta' TRI-PER, il-proporzjoni ta' produzzjoni ta' TRI-PER meħud bħala terz.

Il-kapaċità ta' produzzjoni jew ipproċessar hija l-kapaċità awtorizzata mill-amministrazzjoni jew, fin-nuqqas ta' dan, l-ogħla kwantità annwali li ġiet prodotta jew ipproċessata matul l-erba' snin qabel l-għoti jew ir-reviżjoni ta' l-awtorizzazzjoni. Il-kapaċità awtorizzata mill-amministrazzjoni ma' għandhiex tvarja bil-kbir mill-produzzjoni attwali.

(4) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-intestatura A (4) fl-Anness 1, il-limiti ta' konċentrazzjoni ta' TRI jirrelataw għas-segwenti volumi ta' referenza:

— settur (a), 5 m^3/tunnellata ta' produzzjoni ta' TRI + PER.

(5) Dawn il-limiti ta' valuri japplikaw biss għall-impjanti industrijali li l-iskariki annwali tagħhom jeċċedu t-30 kg/kull sena.

Intestatura B (121): oġġettivi ta' kwalità

Ambjent	Oġġettivi ta' kwalità (µg/litre)	Li ser ikunu mħarsa sa mill–
Wiċċ ta' l-ilmijiet ta' ġo l-art Ilmijiet ta' estwarju Ilmijiet tal-kosta ta' ġewwa minbarra dawk ta' estwarji Ibħra territorjali	10	ta' l-1.1.1993

Il-Kummissjoni se tipparaguna r-riżultati mal-monitoraġġ illi sar, skond it-tielet daħla ta' l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 76/464/KEE, b'konċentrazzjoni indikattiva ta' 2,5 mg/litri.

Il-Kummissjoni sejra, sa l-1988, terġà teżamina l-oġġettivi ta' kwalità a bażi ta' l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tal-miżuri preżenti.

Intestatura Ċ (121): metodu ta' referenza ta' kejl

1. Il-metodu ta' referenza ta' kejl li se jintuża biex tkun stabbilita l-preżenza ta' *trichloroethylene* (TRI) f'effluwenti u l-ambjent akwatiku huwa kromatografija tal-gass b'detezzjoni tal-kattura ta' l-ektroni wara estrazzjoni permezz ta' taħlita xierqa.

   Il-limitu ta' determinazzjoni għat-TRI huwa 10 mg/litru għall-effluwenti u 0,1 mg/litru għall-ambjent akwatiku.

2. Il-korrettezza u preċiżjoni tal-metodu għandha tkun ± 50 % f'konċentrazzjoni li tirrappreżenta d-doppju tal-valur tal-limitu ta' determinazzjoni.

3. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu konċentrazzjonijiet ta' TRI b'referenza għall-kwantità ta' AOX, EOX jew VOX, sakemm il-Kummissjoni hija qabel xejn sodisfatta illi dawn il-metodi jagħtu riżultati ekwivalenti u dana sakemm id-Direttiva tat-taħlita ġenerali hija adottata.

   L-Istati Membri kkonċernati ser jistabbilixxu regolarment ir-relazzjoni fil-konċentrazzjoni bejn it-TRI u l-parametri użati.

X. **Dispożizzjonijiet speċifiċi li jirrelataw għall-*perchloroethylene* (PER) (No 111)** (*)

CAS-127–18–4

(*) L-Artikolu 5 tad-Direttiva 86/280/KEE japplika partikolarment għall-PER użat bħala taħlita għad-"*dry-cleaning*", għall-estrazzjoni ta' grass jew irwejjaħ u għat-tneħħija ta' grass mill-metalli fejn l-iskariki annwali jammontaw għal anqas minn 30 kg/sena. Tali skariki żgħar jistgħu jkunu eżentati mir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 3 tad-Direttiva 76/464/KEE. Minkejja l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 86/280/KEE, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-programmi speċifiċi tagħhom mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1993. Huma għandhom jikkomunikawhom lill-Kummissjoni fl-istess ħin.

Intestatura A (111): Valuri ta' limiti għal standars ta' skariki (1)

Tip ta' impjant industrijali (2)	Tip ta' valur medju	Li ser ikunu mħarsa sa mill–	Piż (g/tonne) (3)	Konċentrazzjoni (mg/litre) (4)
(a) *Tricholoroethyle* (TRI) u *perchloroethylene* (PER) Produzzjoni (proċessi TRI-PER)	Ta' kull xahar	10	2	ta' l-1.1.1993
		2,5	0,5	ta' l-1.1.1995
	Ta' kuljum	20	4	ta' l-1.1.1993
		5	1	ta' l-1.1.1995
(b) *Carbon tetrachloride* u *erchloroethylene* Produzzjoni (proċessi TETRA-PER)	Ta' kull xahar	10	5	ta' l-1.1.1993
		2,5	1,25	ta' l-1.1.1995
	Ta' kuljum	20	10	ta' l-1.1.1993
		5	2,5	ta' l-1.1.1995
(ċ) Użu ta' PER għat-tneħħija ta' grass tal-metalli (5)	Ta' kull xahar	–	0,1	ta' l-1.1.1993
	Ta' kuljum	–	0,2	ta' l-1.1.1993
(d) Produzzjoni tal-*Chlorofluorocarbon* (6)	Ta' kull xahar	–	–	–
	Ta' kuljum	–	–	–

(1) In vista tal-volatilità tal-*perchloroethylene* u sabiex tkun żgurata l-konformità ma' l-Artikolu 3(6) tad-Direttiva 86/280/KEE, billi l-proċess użat jinvolvi aġitazzjoni fil-miftuħ ta' effluwenti li jikkontjenu l-EDC, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu konformità mal-valuri ta' limitu l fuq mill-impjant ikkonċernat; huma għandhom jiżguraw illi jittieħed kont xieraq ta' l-ilmijiet kollha li x'aktarx huma mniġġsa.

(2) Proċedura simplifikata ta' monitoraġġ tistà tkun introdotta fejn l-skariki annwali ma jeċċedux it-30 kg kull sena.

(3) Għas-setturi (a) u (b) il-valuri ta' limitu għall skariki ta' PER jirrigwardaw jew kapaċità ta' produzzjoni globali ta' TRI + PER jew lill-kapaċità ta' produzzjoni globali ta' TETRA + PER.
Kapaċita ta' produzzjoni jew ipproċessar hija l-kapaċità awtorizzata mill-amministrazzjoni jew, fin-nuqqas ta' dan, l-ogħla kwantità annwali illi ġiet prodotta jew ipproċessata matul l-erba' snin qabel l-għoti jew ir-reviżjoni ta' l-awtorizzazzjoni. Il-kapaċità awtorizzata mill-amministrazzjoni ma għandhiex tvarja bil-kbir mill-produzzjoni attwali.

(4) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-intestatura A (4) fl-Anness I, il-limiti ta' konċentrazzjoni tal-PER jirrelataw għas-segwenti volumi ta' referenza:

— (a), 5 m^3/tunnellata ta' produzzjoni ta' TRI + PER,

— (b), 2 m^3/tonne ta' produzzjoni TETRA + PER.

(5) Dawn il-valuri ta' limitu japplikaw biss għall-impjanti industrijali li l-iskariki annwali tagħhom jeċċedu t-30 kg/sena.

(6) Fil-preżent mhuwiex possibli illi jkunu adottati valuri ta' limitu għal dan is-settur. Il-Kunsill se jadotta dawn aktar tard, billi jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni. Sadanittant, l-Istati Membri se japplikaw standards nazzjonali ta' skariki skond l-Anness I, Intestatura A, punt 3.

Intestatura B (111): oġġettivi ta' kwalità

Ambjent	Oġġettivi ta' kwalità (µg/litru)	Li ser ikunu mħarsa sa mill–
Wiċċ ta' l-ilmijiet ta' ġo l-art Ilmijiet ta' estwarji Ilmijiet tal-kosta ta' ġewwa minbarra dawk ta' estwarji Ibħra territorjali	10	ta' l-1.1.1993

Il-Kummissjoni se tipparaguna r-riżultati mal-monitoraġġ illi sar, skond it-tielet daħla ta' l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 76/464/KEE, b'konċentrazzjoni indikattiva ta' 2,5 mg/litri.

Il-Kummissjoni sejra, sa l-1998, terġà teżamina l-oġġettivi ta' kwalità a bażi ta' l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tal-miżuri preżenti.

Intestatura C (111): metodu ta' referenza ta' miżurazzjoni

1. Il-metodu ta' referenza li se jintuża biex tkun stabbilita l-preżenza ta' *perchloroethylene* (PER) fi skariki u l-ambjent akwatiku huwa l-kromatografija tal-gass bid-detezzjoni tal-kattura elettronika wara estrazzjoni permezz ta' taħlita xierqa.

   Il-limitu ta' determinazzjoni għall-PER huwa 10 mg/litru għall-effluwenti u 0,1 mg/litru għall-ambjent akwatiku.

2. Il-korrettezza u preċiżjoni tal-metodu għandha tkun ± 50 % f'konċentrazzjoni li tirrappreżenta d-doppju tal-valur tal-limitu ta' determinazzjoni.

3. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu konċentrazzjonijiet ta' PER b'referenza għall-kwantità ta' AOX, EOX jew VOX, sakemm il-Kummissjoni hija qabel xejn sodisfatta illi dawn il-metodi jagħtu riżultati ekwivalenti u sakemm id-Direttiva tat-taħlita ġenerali hija adottata.

   L-Istati Membri kkonċernati se jistabbilixxu regolarment ir-relazzjoni fil-konċentrazzjoni bejn il-PER u l-parametri użati.

XI. **Dispożizzjonijiet speċifiċi li jirrelataw għat-*trichlorobenzene* (*) (TCB) (117, 118)** (**)

(*) L-Artikolu 5 tad-Direttiva 86/280/KEE japplika partikolarment għat-TCB użat bħala taħlita jew bħala għajnuna għall-kulur fl-industrija tad-drapp, jew bħala komponent taż-żjut użat fi transformers sa meta jkun hemm leġislazzjoni Komunitarja fuq dan is-suġġett. Minkejja l-Artikolu 5(3), l-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-programmi speċifiċi tagħhom mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1993. Huma għandhom jikkomunikawhom lill-Kummissjoni fl-istess żmien.

(**) It-TCB jistà jseħħ bħala wieħed mis-segwenti tlett '*isomers*':

— 1, 2, 3-TCB — CAS 87/61–6;

— 1, 2, 4-TCB — CAS 120–82–1 (Nru 118 tal-lista KEE);

— 1, 3, 5-TCB — CAS 180–70–3.

It-TCB Tekniku (Nru 117 tal-lista KEE) huwa taħlita ta' dawn it-tlett '*isomers*', bi preponderanza ta' 1,2,4-TCB, u jista' wkoll ikollu kwantitajiet żgħar ta' *di*-u *tetrachlorobenzene*.

Fi kwalunkwe każ, dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw għat-total TCB (is-somma ta' tlett 'isomers').

L-Intestatura A (117, 118): limiti ta' valuri għall-istandards ta' emissjoni

Wieqfa: Ma għandu jkun hemm l-ebda żieda sinifikattiva diretta jew indiretta maż-żmien fit-tniġġiż li jiġi minn skariki ta' TCB u li jaffettwaw konċentrazzjonijiet fil-qiegħan u/jew molluski u/jew frott tal-baħar u/jew ħut.

Tip ta' impjant industrijali	Tip ta' valur medju	Li ser ikunu mħarsa sa mill–	Piż (g/tonne) (1)	Konċentrazzjoni (mg/litre) (2)
(a) Produzzjoni ta' TCB via *dehydrochlorination* ta' HCH u/jew ta' ipproċessar ta' TCB	Ta' kull xahar	25	2,5	ta' l-1.1.1993
		10	1	ta' l-1.1.1995
	Ta' kuljum	50	5	ta' l-1.1.1993
		20	2	ta' l-1.1.1995
(b) Produzzjoni u/jew ta' ipproċessar ta' *chlorobenzenes* via *chlorination* ta' *benzene* (3)	Ta' kull xahar	5	0,5	ta' l-1.1.1993
		0,5	0,05	ta' l-1.1.1995
	Ta' kuljum	10	1	ta' l-1.1.1993
		1	0,1	ta' l-1.1.1995

(1) Il-valuri ta' limitu għas-skariki ta' TCB (somma ta' tlett *isomers*) huma mogħtija:

— għas-settur (a): fir-rigward tat-total ta' kapaċità ta' produzzjoni TCB,

— għas-settur (b): fir-rigward tat-total ta' produzzjoni jew kapaċità ta' ipproċessar għall-*mono* — u *dichlorobenzenes*.

.

Kapaċità ta' produzzjoni jew ipproċessar hija l-kapaċità awtorizzata mill-amministrazzjoni jew, fin-nuqqas ta' dan, l-ogħla kwantità annwali illi ġiet prodotta jew ipproċessata matul l-erba' snin qabel l-għoti jew ir-reviżjoni ta' l-awtorizzazzjoni. Il-kapaċità awtorizzata mill-amministrazzjoni ma' għandhiex tvarja bil-kbir mill-produzzjoni attwali

(2) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Intestatura A (4) fl-Anness I, il-limiti ta' konċentrazzjoni jirrelataw għas-segwenti volumi ta' referenza:

— settur (a): 10 m^3/tunnellata ta' TCB prodotti jew ipproċessati,

— settur (b): 10 m^3/tunnellata ta' mono- u dichlorobenzene prodotti jew ipproċessati.

(3) Għall-impjanti eżistenti li jitfgħu anqas minn 50 kg/kull sena mill-1 ta' Jannar 1995, il-valuri ta' limitu illi għandhom ikunu mħarsa f'dan il-jum huma ekwivalenti għal nofs il-valuri ta' limitu illi għandhom ikunu mħarsa sa mill-1 ta' Jannar 1993.

Intestatura B (117, 118): oġġettivi ta' kwalità

Wieqfa: Ma għandu jkun hemm l-ebda żieda sinifikattiva maż-żmien fil-konċentrazzjoni ta' TCB f'qiegħan u/jew molluski u/jew frott tal-baħar u/jew ħut.

Ambjent	Oġġettivi ta' kwalità (µg/litre)	Li ser ikunu mħarsa sa mill–
Wiċċ ta' l-ilmijiet ta' ġo l-art Ilmijiet ta' estwarji Ilmijiet tal-kosta ta' ġewwa minbarra dawk ta' estwarji Ibħra territorjali	0,4	ta' l-1.1.1993

Il-Kummissjoni se tipparaguna r-riżultati mal-monitoraġġ illi sar, skond it-tielet daħla ta' l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 76/464/KEE, b'konċentrazzjoni indikattiva ta' 0,1 mg/litri.

Il-Kummissjoni sejra, sa l-1998, terġa' teżamina l-oġġettivi ta' kwalità a bażi ta' l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tal-miżuri preżenti.

Intestatura C (117, 118): metodu ta' referenza ta' kejl

1. Il-metodu ta' referenza li se jintuża biex tkun stabbilita l-preżenza ta' *trichlorobenzene* (TCB) fi skariki u l-ambjent akwatiku huwa l-kromatografija tal-gass b'detezzjoni tal-kattura ta' l-elektroni wara estrazzjoni permezz ta' taħlita xierqa. Il-limitu ta' determinazzjoni għal kull *isomer* separatament huwa 1 mg/litru għall-iskariki u 10 ng/litru għall-ambjent akwatiku.

2. Il-metodu ta' referenza użat għad-determinazzjoni ta' TCB f'sedimenti u organiżmi huwa gass kromatografu b'detezzjoni tal-kattura ta' l-elektroni wara preparazzjoni xierqa tal-kampjun. Il-limitu ta' determinazzjoni għall kull *isomer* separatament huwa 1 m g/kg ta' materja xotta.

3. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu konċentrazzjonijiet ta' TCB b'referenza għall-kwantità ta' AOX, EOX, sakemm il-Kummissjoni hija qabel xejn sodisfatta illi dawn il-metodi jagħtu riżultati ekwivalenti u sakemm id-Direttiva tat-taħlit ġenerali hija adottata.

   L-Istati Membri kkonċernati ser jistabbilixxu regolarment ir-relazzjoni fil-konċentrazzjoni bejn it-TCB u l-parametri użati.

4. Il-korrettezza u preċiżjoni tal-metodu għandha tkun ± 50 % f'konċentrazzjoni li tirrappreżenta d-doppju tal-valur tal-limitu ta' determinazzjoni.